Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9756 — Nouryon/CP Kelco)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 176/04)

1. Fl-14 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nouryon Chemicals International B.V. ("Nouryon", in-Netherlands),

— CP Kelco CMC (id-Danimarka).

Nouryon takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll ta' CP Kelco CMC kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ekwità u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Nouryon: kumpanija li hija manifattur u fornitur dinji ta' kimiċi ta' speċjalità u li tipproduċi firxa wiesgħa ta' kimiċi bħall-melħ, il-klorur u prodotti kawstiċi; sustanzi intermedji kimiċi, aġenti tensjoattivi u sustanzi kimiċi ta' proċessar u derivattivi ta' ċelluloża. Qabel kienet magħrufa bħala Akzo Nobel Specialty Chemicals u hija kkontrollata b'mod esklużiv b'fondi ġestiti mill-affiljati tal-grupp Carlyle;

— CP Kelco CMC: in-negozju tal-carboxymethyl cellulose ("CMC") ta' CP Kelco ApS u Huber.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

Il-Każ M.9756 — Nouryon/CP Kelco

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").